



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Mejju 2022
(OR. fr)

8447/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0126(BUD)

FIN 475

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-Unjoni
Ewropea għas-sena finanzjarja 2022**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012¹, b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

Billi:

- il-baġit tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2022 kien adottat definittivament fl-24 ta' Novembru 2021²;
- fit-22 ta' April 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 għall-baġit ġenerali għas-sena finanzjarja 2022;

¹ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

² ĠU L 45, 24.2.2022, p. 1.

- jeħtieġ li l-Kunsill jipproċedi mingħajr dewmien bl-adozzjoni tal-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 għall-baġit ġenerali tal-2022 li, fl-Istati Membri ser jippermetti l-kontribuzzjoni għall-finanzjament tal-ispejjeż tal-ewwel akkoljenza u reġistrazzjoni ta' persuni li qed jaħarbu mill-Ukrajna bħala konsegwenza tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, hu ġustifikat li tiġi prevista eċċezzjoni mill-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022 ġiet adottata fis-16 ta' Mejju 2022.

It-test sħiħ jista' jiġi kkonsultat jew jitniżżel mis-sit web tal-Kunsill fl-indirizz li ġej:
<http://www.consilium.europa.eu/>.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Mejju 2022.

*Għall-Kunsill
Il-President*
